MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru 522/2014

**SPETTUR ARTHUR MERCIECA**

**VS**

**HAMZA KAMEL EL BAKOUSH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Hamza Kamel El Bakoush ta’ 21 sena, bin Kamel u Zohra nee’ El Waled, mwieled Tripli nhar l- 20 ta’ Lulju 1992, residenti gewwa 168, Flat 4, Triq il-Qasam, Swieqi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 483423;

Talli matul ix- xahar ta’ Mejju f’ dawn il- Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l- istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda;

1) Fil- lejl ta’ bejn it- 22 u t- 23 ta’ Mejju 2014 ghal habta tas- 12.45 minn residenza gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta’ mobil phone ghad- dannu ta’ Joanna Camilleri u/ jew persuni ohra liema serq hukkwalifikat bil- hin, bil- mezz u bil- lok;
2) Aktar talli nhar it- 23 ta’ Mejju 2014 gewwa San giljan ghal habta tal-5.00am, ikkommetta serq ta’ mowbajl u oggetti ohra ghad- dannu ta’ Sierra Gonzalez liema serq hu kkwalfikat bil- hin, valur u bi vjolenza;
3) Aktar talli nhar it- 23 ta’ Mejju 2014 gewwa San giljan ghal habta tal-5.00am, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Sierra Gonzalez skont ma ccertifika Dr Paul Mangion MD Reg 1774 mill-poliklinika tal- Gzira;
4) Aktar talli nhar it- 23 ta’ Mejju 2014 gewwa San giljan ghal habta tal-5.00am, ikkommetta serq ta’ kartiera u flus kontanti ghad- dannu ta’ Godwin Cauchi liema serq hu kkwalifikat bil- hin valur u vjolenza;
5) Aktar talli nhar it- 23 ta’ Mejju 2014 gewwa San giljan ghal habta tal-5.00am, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Godwin Cauchi skont ma ccertifika Dr Mark Biancardi MD mill- isptar Mater Dei;

6) Aktar talli fit- 28 ta’ Mejju 2014 ghal habta tas- 2.30am gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta’ basekt ghad- dannu ta’ Valeria Benigno liema serq hu kkwalifikat bil- hin;
7) Aktar talli matula dan l- ahhar gimghat xjentement, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg, li kienu misruqa, mehuda b’ qerq, jwe akkwistat b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
8) Aktar talli fit- 28 ta’ Mejju 2014 ghal habta tas- 2.30am gewwa San Giljan atatkka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta xota li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 450 Christopher Bartolo, u PC 1388 Ryan Pisani u/ jwe xi ufficjali ohra tal- Pulizija, persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil- waqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita’ kompetenti;
9) Aktar talli fit- 28 ta’ Mejju 2014 ghal habta tas- 2.30am gewwa San Giljan ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ PC 450 Christopher Bartolo skont ma ccertifika Dr Noel Camilleri MD 2242 mill- isptar Mater Dei;
10) Naqas milli jhares xi wahda, jew aktar minn wahda, mill- kundizzjonijiet imposti fuqu permezz ta’ digriet tal- Qorti (Magistrat Dr C. Peralta LL.D) datata 28 ta’ 2014, li permezz tieghu huwa inghata l- helsien mill- arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta’ natura volontarja;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A(5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-Prosekuzzjoni u d-difiza, flimkien mal-Avukat Generali, kienu lahqu ftehim fuq piena f'kaz ta' ammissjoni tal-imputat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263, 269, 270, 267, 262, 221, 214, 216, 334, 96, 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta' erba' (4) snin u sitt (6) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------